

# Il-Ħamsin sena mill-miġja tal-vara ta' San Ġużepp

1963 - 2013

George Apap
Ir-Rettur tal-Fratellanza San Guzepp

Il-Fratellanza ta' San Ġużepp ġewwa Ħal Qormi din is-sena qiegħda tiċċelebra l-ħamsin sena mill-miġja tal-vara artistika ta' San Ġużepp, xogħol maħdum fl-injam mill-iskultur Ferdinando Perathoner minn Ortisei, Bolzano, l-Italja. Din il-vara nħadmet fl-1962 u waslet għall-festa tas-sena ta' wara, jiġifieri fl-1963. Il-moħħ wara dan ix-xogħol kien Dun Feliċ Tabone li dak iż-żmien kien il-Prokuratur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp.

Minn meta laħaq prokuratur fl-1958, wara Dun Salv Cilia, kien inħass il-bżonn li jsir xi ħaġa dwar l-istatwa l-qadima, xogħol ta' Ġużeppi Cilia għax kienet fi stat ħażin. Għalhekk saret seduta mal-fratelli Ġużeppini biex issir statwa ġdida, u kulħadd qabel ma' dan il-ħsieb . Wara ġie avviċinat l-Arċipriet Dun Ġerald Frendo, fejn sar rikors li ġie ffirmat minnu stess u tressaq għall-approvazzjoni fil-Kurja.



Din it-talba ġiet aċċettata mill-Vigarju Ġenerali, l-Isqof Emmanuel Galea. Minnufih sar kuntatt mal-Kan. Dun Spir Sammut, li tajjeb wieħed jgħid li qabel ma sar qassis kien skultur fil-ġebel, u għamel xogħol fuq diversi statwi. Bil-parir ta' Dun Salv, kien avviċinat l-iskultur Taljan Ferdenando Perathoner li dan kien diġà għamel xi xogħol għall-knejjes Maltin. Fosthom insemmu l-Madonna ta' Lourdes u d-Duluri ta' San Ġwann, San Mikiel ta' Ħal Balzan u tal-Karmnu tal-Fgura fost oħrajn. L-aġenti kienu E. Theuma & Co. Valletta. Fuq xewqa tal-Isqof Emanuel Galea, ittieħdu diversi ritratti tal-istatwa ta' San Ġużepp fl-irħam li hemm fl-istitut tan-Nazzarenu fiż-Żejtun.

Wara sar l-abbozz li ngħoġob, u saret l-ordni. Dun Feliċ, personalment mar jara x-xogħol jinħadem fil-ħanut tal-iskultur u kien sodisfatt b'dak li kien qed isir. Meta l-istatwa waslet Malta tpoġġiet fil-kappella tal-Lunzjata fejn ġew xi artisti u skulturi magħrufa ta' dak iż-żmien, u faħħru x-xogħol li kien sar. Wara ttieħdet il-Belt għand id-ditta Mallia & Xuereb biex isir xogħol ta' żebgħa u induratura bid-deheb. Għal din l-istatwa saru l-bastun u r-raġġieri li nħadmu għand Ġużeppi Aquilina ta' Ħal Qormi, Il-Pedestall kienet saritlu l-induratura mill-ġdid. Meta tlesta x-xogħol kollu, l-istatwa nġiebet mill-Belt fuq trakk ta' Ġużeppi Aquilina.

Il-ġmiel tagħha saħħar lil kulħadd meta tqiegħdet fil-knisja: Ġiet imbierka mill-Arċipriet u ħarġet għall-ewwel darba fix-xahar ta' Mejju tal-1963. Ta' min isemmi li Dun Feliċ kellu l-għajnuna tal-fratelli, fosthom Ġużeppi Aquilina (taż-Żebgħa), Ġużeppi Żammit (il-Washer jew ta' Qurru) u Pawlu Aquilina magħruf bħala Pawley.

Ta' min isemmi wkoll li din hija t-tielet statwa li saret fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. L-ewwel waħda saret ftit qabel l-1864 u ttieħdet fl-istitut ta' San Ġużepp il-Ħamrun, it-tieni statwa saret fl-1908 li tinsab fis-sagristija l-qadima tal-Knisja ta' San Ġorġ u l-aħħar waħda, dik li qegħdin niċċelebraw il-50 anniversarju tagħha.

Biex jiġi mfakkar dan l-anniversarju, inbidel id-drapp tal-istandard sekond, xogħol maħdum minn Dama Geronima Cilia. Sar ukoll restawr tal-ventartal ta' San Ġużepp, xogħol li sar minn Domnic Xerri, fratell Ġużeppin, u żżanżan ukoll innu ad unur il-qaddis San Ġużepp, kliem ta' Dun Pawl Genovese u mużika tas-Surmast Mario Testa.

Spiċċajna dawn il-festi billi fis-26 ta' Mejju sar irtir għall-fratelli flimkien mal-familji tagħna, u fil-31 ta' Mejju saret quddiesa quddiem il-kappella tal-Vitorja fejn fil-pjazza hemm ukoll San Ġużepp tal-ġebel.

*Dan it-tagħrif ġie mogħti lili mill-Kan. Dun Feliċ Tabone li kien il-Prokuratur tal-fratellanza San Ġużepp.